

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2008/2305(INI)**

21.1.2009

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-futur tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil  
(2008/2305(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Danutė Budreikaitė

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li fis-sena li għaddiet, in-numru ta' rifuġjati kiber għal iktar minn 16-il miljun madwar id-dinja; f'dan il-kuntest, jappoġġja t-twaqqif ta' Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil (CEAS) u jilqa' b'sodisfazzjon il-Programm ta' Politika dwar l-Ażil, li jservi bħala pjan direzzjonali għat-tlestija tas-Sistema Komuni Ewropea ta' Ażil (CEAS);
2. Jiddispaċih li l-kunċett tal-istituzzjoni tal-ażil, parti essenzjali mid-demokrazija u mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ġie mxellef bl-aħrax f'dawn l-aħħar snin; itenni l-bżonn għal rispett sħiħ lejn id-drittijiet u l-bżonnijiet ta' dawk li jfittxu l-ażil u lejn il-prinċipju ta' "non-refoulement";
3. Jenfasizza li għandha tkun imwaqqfa Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil (CEAS) li hija kompletament koerenti mal-għanijiet u l-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tar-rifuġjati tal-istrumenti tal-UE għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw (bħal ma huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF), l-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp (DCI), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)) u mal-ftehimiet u s-sħubijiet bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw (bħalma huma l-Ftehim ta' Cotonou u l-Partenarjat Strateġiku bejn l-UE u l-Afrika);
4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat<sup>1</sup> u jenfasizza li l-proċedura komuni tal-ażil għandha tipprovdi għal limiti ta' żmien ċari, uniformi u raġonevoli biex l-awtoritajiet jiddeċiedu fuq applikazzjoni għall-ażil, u b'hekk jiġu evitati perjodi ta' stennija twal u bla bżonn li jista' jkollhom konsegwenzi negattivi fuq is-saħħa u l-benesseri ta' min ifittex l-ażil; itenni li l-għoti tal-istatus ta' rifuġjat jew dak ta' protezzjoni sussidjarja għandu dejjem ikun suġġett għal evalwazzjoni individwali u bl-ebda mod m'għandu jiġi llimitat għal evalwazzjoni ġeneralizzata (eż. ibbażata fuq in-nazzjonalità) jew kundizzjonalità (eż. relatata mal-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiż ta' oriġini);
5. Jisħaq li matul il-perjodi ta' stennija l-awtoritajiet għandhom iqisu l-ħtiġijiet differenti ta' persuni li qed ifittxu l-ażil f'qagħda aktar dgħajfa, bħal tfal, persuni b'diżabilitajiet u nisa, u jipprovdu l-infrastruttura meħtieġa;
6. Huwa tal-istess fehma bħall-Kummissjoni li l-ażil huwa parti integrali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi terzi iktar milli għodda għall-ġestjoni ta' kriżijiet; itenni li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, partikolarment il-prevenzjoni ta' kriżijiet, monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, it-trasformazzjoni tal-kunflitt u l-konsolidazzjoni tal-paċi, tista' sservi bħala strument biex jiġi prevenut l-ispostament; jisħaq għaldaqstant li s-Sistema Komuni Ewropea ta' Ażil (CEAS) għandha jkollha rabta mill-qrib mal-iżvilupp Ewropew

---

<sup>1</sup> ĠU L 326, 13.12.2005, p 13

u mal-politiki umanitarji;

7. Jistenna b'ħerqa l-evalwazzjoni tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali (RPPs) li għandhom iseħħu fl-2009; jenfasizza li l-iżvilupp ta' programmi bħal dawn għandu jkun kompletament koerenti mal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali u Reġjonali, mal-Programm Tematiku tad-DCI dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u, b'mod aktar ġenerali, m'għandu qatt ikun mezz biex jitneħħew responsabilitajiet minn Stati Membri u mill-UE;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippromovi parteċipazzjoni ikbar mill-Istati Membri fi sforzi minn madwar id-dinja għas-sistemazzjoni mill-ġdid tar-rifuġjati;
9. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-bżonn li tiżgura koerenza ma' politiki oħrajn li għandhom impatt fuq il-protezzjoni internazzjonali; jitlob għaldaqstant lill-Kummissjoni biex tappoġġja u tintroduċi inizjattivi biex jiġu reveduti u adattati l-politiki u prattiki kollha tal-ġestjoni tal-konfini bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Konfini Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) u s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Konfini (EUROSUR) biex tiggarrantixxi l-aċċess tar-refuġjati għall-protezzjoni fl-UE u r-rispett sħiħ għall-prinċipju ta' "non-refoulement" fil-konfini esterni tal-UE. Barra minn dan, jenfasizza li l-obbligu li tingħata għajjnuna kif imnaqqax fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) jorbot legalment lill-Istati Membri, lill-UE u lill-FRONTEX.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.1.2009
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 27 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Danutë Budreikaitë, Marie-Arlette Carlotti, Thierry Cornillet, Corina Crețu, Koenraad Dillen, Beniamino Donnici, Fernando Fernández Martín, Juan Fraile Cantón, Alain Hutchinson, Filip Kaczmarek, Maria Martens, Luisa Morgantini, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Felekna Uca, Anna Záborská, Mauro Zani
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Berger, Raymond Langendries, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Anne Van Lancker